

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 11.9.2008
KUMM(2008) 541 finali

2008/0175 (ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda u jaġġorna r-Regolament (KE) Nru°1334/2000 li jistabbilixxi reġim
Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Oġġetti b'użu doppju (li jinkludu software u teknoloġija) huma oġġetti ċivili li jistgħu jintużaw għal skopijiet militari. Dawn huma soġġetti għal kontroll meta jkunu esportati mill-Unjoni Ewropea. Dawn il-kontrolli għandhom l-għan b'mod partikolari li jipprevjenu l-proliferazzjoni ta' l-armi għall-qerda tal-massa. B'mod partikolari, huma jilhqgħu l-għanijiet iffissati mir-Riżoluzzjoni 1540 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, adottata f'April 2004.

Id-deċizzjonijiet biex jiġu kkontrollati l-oġġetti b'użu doppju huma meħdua b'konsensus f'reġimi internazzjonali tal-kontroll ta' l-esportazzjonijiet u l-KE hija marbuta li tapplikahom skond l-Artikolu^o11 tar-Regolament (KE) Nru^o1334/2000. Dan l-Artikolu jistipula li "il-lista ta' oġġetti b'użu doppju stabbilita fl-Anness^oI għandha tiġi aġġornata b'konformità ma' l-obbligi rilevanti u l-impenji li kull Stat Membru aċċetta bħala membru ta' l-arranġamenti internazzjonali għall-kontroll ta' l-esportazzjoni".

Madankollu, sa issa l-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE għadhom ma ġewx aċċettati kollha f'dawn ir-reġimi, b'mod partikolari fir-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija relatata mal-Missili (MTCR) u l-Arranġament Wassenaar. Din id-differenza fl-istatus f'reġimi ta' kontroll fuq l-esportazzjonijiet twassal għal diskrepanzi bejn l-Istati Membri ta' l-UE fl-aċċess għal informazzjoni importanti dwar utenti finali sensittivi. Għalhekk, dan idgħajjed ir-reġim ta' kontroll ta' l-UE fuq l-esportazzjonijiet u dawk ir-reġimi internazzjonali li fihom mhux l-Istati Membri kollha jipparteċipaw.

Mill-addozzjoni fit-18^o ta' Settembru 2007 ta' l-aħħar emenda tar-Regolament, l-Arranġament Wassenaar (WA), ir-Reġim għall-Kontroll tat-Teknoloġija dwar il-Missili (l-MTCR) u l-Grupp Awstralja (AG) qablu dwar bidliet speċifiċi fil-listi rispettivi tagħhom ta' kontroll. Barra minn dan, l-Eżenzjoni Medika Wassenaar għal oġġetti ta' haġi ta' dejta msemija fid-dikjarazzjoni tagħha ta' fehim (*tagħmir mediku [NF (96) DG PL/WP1]*) ma ġietx implimentata mill-UE sa issa (u madankollu diġà ġiet implimentata f'pajjiżi mhux fl-UE membri ta' l-Arranġament Wassenaar). Bħala konsegwenza, l-Anness^oI tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru^o1334/2000, li hu bbażat fuq l-Artikolu^o133 tat-Trattat, jeħtieġ li jiġi emendat.

Biex ikun faċilitat it-teħid tad-deċizzjoni, hawn taħt hawn sommarju dettaljat tal-bidliet.

DEFINIZZJONIJIET fl-Anness^oI:

Akronimi u Definizzjonijiet	Reġim	Natura tal-bidla
ISA	WA	Akronimu ġdid għal Atmosfera Standard Internazzjonali.
Bias (aċċelerometru)	WA	Definizzjoni emendata.
Bias (gyro)	WA	Definizzjoni ġdida.
Medda ta' frekwenzi fiż-żmien reali	Edit	Definizzjoni emendata.
Taħlitiet III/V	WA	Definizzjoni ġdida.

KATEGORIJI 1 sa 9 fl-Anness^oI

Kategorija°1	Reġim	Natura tal-bidla
1A004.a., b., c. & <i>Noti Tekniċi 1 & 2</i>	WA	It-test tas-sotto-reġistrazzjoni emendat biex jiċċara l-kontroll ta' tagħmir NBC ċivili; Żewġ Noti ġodda tekniċi miżjuda.
1A006, a., b., N.B., <i>Nota Teknika & Nota</i>	WA	Kontroll ġdid għal tagħmir ta' dispożizzjoni IED b'żewġ sotto-reġistrazzjonijiet, Nota Bene, Nota u Nota Teknika.
1A007, a., b.1. sa 4., N.B. <i>Noti Tekniċi</i>	WA	Kontroll ġdid għal tagħmir biex jiċċarġja b'żewġ sotto-reġistrazzjonijiet, Nota Bene, u żewġ Noti Tekniċi.
1C111.a.3.a., b. & c.	MTCR	Sotto-reġistrazzjonijiet emendati biex jinkludu n-numri CAS.
1C111.a.4. N.B.	Edit	Nota Bene miżjuda għal kjarifika.
1C111.a.4.j.	MTCR	Is-sotto-reġistrazzjoni miżjuda għad-dinitrat ta' l-Idrajinju.
1C111.a.4.q.	MTCR	Is-sotto-reġistrazzjonijiet emendati biex jiċċaraw il-kimiċi.
1C111.b.1. & 2.	MTCR	Is-sotto-reġistrazzjonijiet emendati biex jiċċaraw il-kimiċi.
1C111.c.2. & 5.	MTCR	Is-sotto-reġistrazzjonijiet emendati biex jinkludu n-numri CAS.
1C116 & <i>Nota Teknika</i>	MTCR	Ir-reġistrazzjoni għal azzar b'saħħtu emendata għal kjarifika; Nota teknika ġdida miżjuda.
1C352.a.2.b., b.1. & b.2.	AG08	Is-sotto-paragrafi emendati mar-referenza Direttiva ġdida tal-KE
1E201	WA	Bidla konsegwenzjali bħala riżultat ta' 1A007.
1E202	WA	Bidla konsegwenzjali bħala riżultat ta' 1A007.
Kategorija°2		
2B <i>Nota Teknika 5</i>	WA	It-test emendat fin-Nota.
2B001 N.B.	WA	Nota Bene miżjuda għal magni ottiċi tat-tlestija.
2B002	WA	Ir-reġistrazzjoni emendata.
2B002.c.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni nbidlet minn 3 għal 4 magni ta' l-assi (jew aktar).
2B002.d.4., 5. & <i>Noti</i>	WA	Iż-żewġ sotto-reġistrazzjonijiet ġodda għal magni ottiċi

<i>Tekniċi 4 & 5</i>		tat-tlestija; Żewġ Noti Tekniċi miżjuda.
2B006.b.1.c.2. & 2.b.	WA	Is-sotto-paragrafi għal sistemi ta' kejl emendati għal kjarifika.
2B007.b. & <i>Nota</i>	WA	Is-sotto-paragrafu għal Robots emendat; Nota miżjuda.
2B008.a. N.B	WA	Nota Bene emendata.
2B008.a. N.B.	WA	Nota Bene emendata.
2B116.a.	MTCR	Is-sotto-paragrafi għal sistemi ta' testijiet ta' vibrazzjoni emendati għal kjarifika.
2B116.b.	Edit	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata biex tħassar id-definizzjoni globali ta' medda ta' frekwenzi fiż-żmien reali.
2B120.c.3.	MTCR	Is-sotto-paragrafi emendati għal simulaturi tal-moviment għal kjarifika.
2B121.b.	MTCR	Is-sotto-paragrafi emendati għal twavel tal-pożizzjoni għal kjarifika.
2B352.a. <i>Nota Teknika</i>	AG	Nota teknika emendata għal faċilitajiet ta' trażżin bijoloġiku
Kategorija°3		
3A001.a.2.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata biex jitneħħew ċirkuwiti integrati tan-network tan-nervi.
3A001.b.4.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata għal amplifikaturi tal-microwave fi stat solidu.
3A001.b.7.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata għal mixers/konvertituri tal-microwave.
3A001.b.8.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata għal amplifikaturi ta' enerġija tal-microwave.
3A001.c.1.a., b. & c.3.	WA	Parametri għal frekwenza ta' trażmissjoni u medda ta' frekwenzi emendati għal tagħmir ta' mewġ akustiku.
3A001.c.2.	WA	Il-Parametru għal frekwenza emendat għal tagħmir ta' volum ta' mewġ akustiku.
3A002.g. 1., 2. & 3.	WA	Ir-reġistrazzjoni għal standards ta' frekwenza atomika emendata u issa tinkludi tliet sotto-reġistrazzjonijiet ġodda.
3A229, a. & <i>NB</i>	WA	Bidla konsegwenzjali bħala riżultat ta' 1A007. Chapeaux emendat; is-sotto-reġistrazzjoni a. imħassra; Nota Bene

		miżjuda.
3A232, a, & NB	WA	Bidla konsegwenzjali bħala riżultat ta' 1A007. Chapeaux emendat; is-sotto-reġistrazzjoni a. imħassra; Nota Bene miżjuda; Nota Teknika mħassra.
3B001.f.3., a. & b.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata għal għatu ta' tagħmir ta' litografija u issa tinkludi żewġ sotto-paragrafi.
3C001.d.	WA	Is-sotto-registrazzjoni emendata; Nota Teknika mhassra.
3C002.e.	WA	Ir-reġistrazzjoni ġdida tirreżisti ċertu stampar bil-litografija.
3C005	WA	Ir-reġistrazzjoni emendata biex tinkludi materjal addizzjonali ta' substrat elettroniku.
3C006	WA	Ir-reġistrazzjoni ġdida għal ċerti substrati elettroniċi.
Kategorija⁴		
4A001.a.1. Nota	Edit	It-test tan-Nota emendat għal konsistenza.
4A003.c., Nota 3	Edit	It-test emendat tan-Nota.
4A003.c., Nota 1	Edit	It-test tan-Nota emendat għal konsistenza.
Kategorija⁵ – Parti¹		
5A001.b.1.	WA	It-test ta' sotto-reġistrazzjoni emendat għal sistemi ta' komunikazzjoni taħt l-ilma.
5A001.b.1.d.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni ġdida għal ċerti sistemi ta' komunikazzjoni taħt l-ilma bl-użu ta' lasers jew LEDs.
5A001.f.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata għal tagħmir li jibblokka.
5A101	Edit	It-test emendat.
Kategorija⁵ – Parti²		
<i>Nota¹. NB</i>	WA	Nota Bene miżjuda
5A002 Nota a.1., e. & g.	WA	Nota a.1. emendata għal karti smart personali; Nota e. emendata għal tagħmir ċivili ta' komunikazzjoni mobbli; Nota ġdida g. miżjuda għal ċertu tagħmir ċivili mmodifikat ta' komunikazzjoni.
Kategorija⁶		

6A001.a.2.b.6.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni mħassra għal ċerti serje ta' idrofoni.
6A001.b., 1., 2., & <i>Noti 1 & 2</i>	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni Sonar emendata biex tinkludi tagħmir ta' veloċità Doppler; żewġ sotto-reġistrazzjonijiet ġodda; żewġ Noti ġodda miżjuda.
6A002.a.2. <i>Nota & Nota Teknika</i>	WA	Nota ġdida u Nota Teknika miżjuda mas-Sotto-reġistrazzjoni.
6A002.a.2.a.3.c. <i>Nota</i>	Edit	It-test emendat tan-Nota.
6A002.a.2.a., b., & c.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni a. emendata għal tubu għall-intensifikazzjoni ta' l-immaġni; is-sotto-reġistrazzjoni ġdida b.; is-sotto-reġistrazzjoni oriġinali b. innumerata mill-ġdid c. u emendata.
6A002.a.3. <i>NB & Nota 2.c & Nota Teknika</i>	WA	Nota Bene emendata; Nota ġdida għal matriċi fuq il-pjan fokali (FPA) li tuża l-multiplikazzjoni taċ-ċarġ b'Nota Teknika.
6A002.a.3.a.	WA	Is-sotto-paragrafu FPA miktub mill-ġdid biex jinkludi żewġ sotto-paragrafi ġodda.
6A002.a.3.b.	WA	Is-sotto-paragrafu FPA miktub mill-ġdid biex jinkludi żewġ sotto-paragrafi ġodda.
6A002.a.3.d. <i>Nota & Nota Teknika</i>	WA	Nota għal ċerti FPA miżjuda; Nota Teknika emendata u għaddi għal din is-sotto-reġistrazzjoni.
6A002.a.3.g.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni ġdida għal-multiplikazzjoni taċ-ċarġ FPA.
6A002.c.1., 2., 3. & <i>Nota</i>	WA	Is-sotto-reġistrazzjonijiet 1. u 2. emendati għal tagħmir għall-immaġni ta' viżjoni diretta; Sotto-paragrafu ġdid 3. miżjud; Nota emendata.
6A003.b.3.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata għal kameras ta' immaġni li jinkorporaw tubi għall-intensifikazzjoni.
6A003.b.4.c., d. & <i>Nota 4</i>	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata għal kameras ta' immaġni li jinkorporaw FPAs biex tinkludi żewġ sotto-reġistrazzjonijiet ġodda; Nota 4 ġdida miżjuda.
6A003.b.5.	WA	Is-sotto-reġistrazzjoni ġdida għal kameras ta' immaġni li jinkorporaw ċerti ditektores semikondutturi.
6A205 N.B.	Edit	Nota Bene miżjuda għal lasers bil-fwar tar-ramm.
6E201	Edit	Ir-reġistrazzjoni emendata biex tikkoreġi l-implimentazzjoni ta' tibdil ta' WA 2006.
Kategorija^{o7}		

7A002.a. & c.	WA	Is-sotto-registrazzjoni gyros emendata.
7A003.a, b., c. & <i>Nota 1.a.</i>	WA	Is-sotto-reġistrazzjonijiet emendati għal tagħmir ta' navigazzjoni; <i>Nota 1.b.</i> emendata.
7A008 <i>N.B.</i>	WA	<i>Nota Bene</i> emendata biex tinkludi t-tagħmir sonar ta' veloċità Doppler.
7A103.a.1. & 2.	Edit	Emenda konsegwenzjali għas-sotto-reġistrazzjoni, li tinkludi żewġ sotto-reġistrazzjonijiet ġodda, bħala riżultat tat-tibdil ta' l-aċċelerometru WA 2006.
Kategorija⁸		
L-ebda tibdil		
Kategorija⁹		
9A012.b.4.	WA	Sotto-reġistrazzjoni ġdida għal ċerti magni UAV.
9A101.b.	MTCR	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata biex tinkludi l-magni UAV turbojet u turbofan.
9A102, <i>Nota & Noti Tekniċi</i>	MTCR	Is-sotto-reġistrazzjoni ġdida għal ċerti sistemi ta' magni turbo UAV b' <i>Nota</i> u żewġ <i>Noti Tekniċi</i>
9A106. a., b., c. & d.	MTCR	Ir-reġistrazzjoni u s-sotto-reġistrazzjonijiet emendati għal ċerti komponenti ta' propulsjoni tar-rokits bil-propellant likwidu.
9B106.a.1., 2. & <i>Nota Teknika 2 & 3</i>	MTCR	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata għal kmamar ambjentali biex tinkludi sotto-reġistrazzjoni ġdida għal daww li jinkorporaw tagħmir ta' testijiet ta' vibrazzjoni; <i>Nota Teknika</i> ġdida 2 miżjuda; <i>Nota Teknika</i> oriġinali nnumerata mill-ġdid 3.
9B106.b.3.	MTCR	Is-sotto-reġistrazzjoni emendata għal kmamar ambjentali.
9B115	MTCR	Ir-reġistrazzjoni emendata għal ċertu tagħmir ta' produzzjoni.
9B116	MTCR	Ir-reġistrazzjoni emendata għal ċerti faċilitajiet ta' produzzjoni.
9D104	MTCR	Ir-reġistrazzjoni emendata ta' ċertu software relatat mal-missili.
9E003.a.4., 5. u <i>Nota Teknika</i>	WA	Is-sotto-reġistrazzjonijiet emendati għal teknoloġija relatata ma' ċerti komponenti ta' xafra tat-turbina; <i>Nota Teknika</i> ġdida miżjuda.

9E101	MTCR	Ir-reġistrazzjoni emendata.
9E102	MTCR	Ir-reġistrazzjoni emendata.

ANNESSE IV

1A007	Edit	Ir-reġistrazzjoni ġdida bħala konsegwenza tar-reġistrazzjoni l-ġdida WA 1A007.
3A229	Edit	Ir-reġistrazzjoni emendata bħala konsegwenza tar-reġistrazzjoni l-ġdida 1A007.
3A232	Edit	Ir-reġistrazzjoni emendata bħala konsegwenza tar-reġistrazzjoni l-ġdida 1A007.

II-Proposta tal-Kummissjoni

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq hu neċessarju li jkunu sostitwiti l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru°1334/2000.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda u jaġġorna r-Regolament (KE) Nru°1334/2000 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu°133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru°1334/2000¹ jeħtieġ li oġġetti b'użu doppju (inklużi software u teknoloġija) jkunu soġġetti għal kontrolli effettivi meta jiġu esportati mill-Komunità.
- (2) Sabiex l-Istati Membri u l-Komunità jkunu jistgħu jikkonformaw ma' l-impenji internazzjonali tagħhom, l-Anness°I għar-Regolament (KE) Nru°1334/2000 jistabbilixxi lista komuni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju msemija fl-Artikolu°3 ta' dan ir-Regolament, li jimplementa kontrolli ta' l-użu doppju li internazzjonalment hemm qbil dwarhom, inklużi l-Arranġament Wassenaar, ir-Reġim għall-Kontroll tat-Teknoloġija dwar il-Missili (l-MTCR), il-Grupp tal-Fornituri Nukleari (l-NSG), il-Grupp Awstralja u l-Armi Kimiċi Konvenzjonali (is-CWC).
- (3) L-Artikolu°11 tar-Regolament (KE) Nru°1334/2000 jipprovdi li l-Anness°I u l-Anness°IV għandhom ikunu aġġornati b'konformità ma' l-obbligi u l-impenji rilevanti, u kull modifika tagħhom, li kull Stat Membru aċċetta bħala membru tar-reġimi internazzjonali ta' kontra l-proliferazzjoni u arranġamenti tal-kontrolli ta' l-esportazzjonijiet, jew bir-ratifika tat-trattati internazzjonali rilevanti.
- (4) L-Anness°I u l-Anness°IV tar-Regolament (KE) Nru°1334/2000 għandu jiġi emendat sabiex jiġu kkunsidrati l-bidliet adottati bl-Arranġament Wassenaar, il-Grupp Awstralja u l-MTCR sussegwentement għall-emendi magħmula lil dawn l-Annessi mir-Regolament (KE) Nru°1183/2007.
- (5) Sabiex ikunu ffaċilitati r-referenzi għall-awtoritijiet u operaturi ta' kontroll fuq l-esportazzjonijiet, huwa neċessarju li tkun ippubblikata verżjoni aġġornata u kkonsolidata ta' l-Annessi għar-Regolament (KE) Nru°1334/2000.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru°1334/2000 għandu għaldaqstant jiġi emendat skond il-każ,

¹ ĠU L 159, 30.6.2000, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru°1183/2007 (ĠU L 278, 22.10.2007, p. 1).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru°1334/2000 għandhom ikunu sostitwiti bit-test fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tletin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*